# IMĦABBA TAĦT SIĠRA

*Ta'* VINCENT CARUANA

Ilmaħthom ftit mill-bogħod taħt siġra xiħa
Li firxet fuqhom friegħi kbar mimlija
Bil-weraq waħda f'waħda, u qalb mistrieħa
Inxteħtu f'dik id-dehra ta' sbuħija.

Il-fjur f'riġlejhom ħareġ minnu fwieħa
Li mliet 'il qalbhom bl-hena taż-żgħożija.
U l-friegħi li għattew lix-xemx sabiħa
Intisġu fuq ħwejjiġhom f'dell u dija.

Imbagħad għajnejh malajr lil tagħha sabu;
Imħabbtu kollha kien f'għajnejh ġabarha
U jħarsu f'tagħha mħabba ġdida ġabu.

Dan hu x'rajt jien li taħt is-siġra ġara
Xħin żewġt iqlub fil-ħolm ta' mħabba dabu.
......Ma nafx fi triq l-imħabba x'sabu wara!